MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1124/1999/1

**Antoinette Gauci.**

**vs.**

**Charles Gauci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'digriet tas-Sekond' Awla tat-Qorti Civili ta' l-4 ta' Mejju, 1999, l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut;

Illi minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, swat, ingurji gravi, theddid u adulterju u minhabba nkompatibbilta` ta' karattru u

konsegwentement il-hajja konjugali tal-partijiet mhix aktar possibbli;

Illi l-partijiet ghandhom tifla minuri jisimha Ruth;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja u tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet;

2. M'ghandux il-konvenut jigi kkundannat illi jissomministra lill-attrici u lill-bintha minuri retta alimentarja adegwata;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi affidata lill-attrici;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u tiddikjaraha xolta;

5. Tordna li l-konvenut johrog mid-dar konjugali.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi qieghed jigi mharrek biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta’ Lulju 1999 a fol 8 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-eccipjenti ma jopponiex ruhu ghas-separazzjoni mitluba b’dan li huwa m’ghandux jinstab fi htija ghat-tkissir taz-zwieg.

(2) Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti ma kkommetta l-ebda adulterju jew ingurji gravi u l-akkuzi dwar dawn hekk lancjati bla bzonn fil-konfront tieghu

minnhom infushom jikkostitwixxu ingurja serja *di fronte* ghall-eccipjenti.

(3) Illi *di piu`* l-inkompatibbilta` tal-karattru mhux biss ma taghtix lok ghas-separazzjoni fil-ligi taghna tant li lanqas biss giet dedotta bhala kawzali fir-rikors tal-attrici quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

(4) Kwantu ghall-alimenti l-attrici ghandha impjieg taghha, kapaci tahdem u b’hekk mhux il-kaz li l-Qorti tiffissa alimenti ghaliha. *Di piu`* llum it-tifla ghandha sbatax (17)-il sena.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 9 u 10 tal-process;

Rat il-verbali tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea biex tigbor il-provi fil-kawza u tas-6 ta’ Marzu 2000.

Rat ir-rikors tas-Assistent Gudizzjarju tad-19 ta’ Novembru 1999 u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta’ Dicembru 1999 fejn il-Qorti ordnat li ssir seduta quddiem l-istess Assistent Gudizzjarju fis-27 ta’ Jannar 2000.

Rat il-verbali tal-21 ta’ Marzu 2000, tal-11 ta’ Ottubru 2000, tat-22 ta’ Novembru 2000, tat-2 ta’ Mejju 2001, tat-13 ta’ Novembru 2001, tal-21 ta’ Marzu 2002, tal-20 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u tal-4 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, il-provi hemm migbura, x-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-13 ta’ Marzu 2002 li peress li ma huwiex notifikat, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni

tal-istess anke peress li kollox ser jigi issa regolat bid-decizjoni odjerna.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici xehdet li l-problemi fiz-zwieg mal-konvenut bdew xi hdax-il sena ilu meta beda jmur jghin lill-huha li kien *barman* fil-kazin tal-banda tat-*12th of May*, Haz Zebbug, u beda jdum barra u jixrob tant li kien jidhol id-dar bil-lejl fis-sakra, u dan baqa' jaghmlu almenu sad-data meta l-attrici pprezentat l-affidavit taghha a fol. 19 tal-process; barra minn dan sostniet li huwa qabad il-vizzju tal-loghob u kien jilghab fil-kazini u anke l-casino'. Kawza ta' dan ix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa mar lura u konsegwentement beda jtiha inqas flus ghall-hajja; gieli halla lill-familja bla manteniment u ghalhekk l-attrici qalet li kienet tissellef minghand ohta Jane Debono, w anke ghall-ghajnuna minghand il-genituri taghha.

Illi minkejja dan kollu l-konvenut, dejjem skond l-attrici, ha f'idejh bar gewwa s-Siggiewi u hija kienet tmur tghinu hemm bit-tama li jieqaf mix-xorb pero` dan kien kollu ghal xejn u fil-fatt l-attrici waqfet tghin lil zewgha u dan halla l-istess bar, ghalkemm xorta baqa' jixrob.

Illi skond l-attrici l-konvenut beda jerfa' jdejh fuqha u dan anke quddiem in-nies kif qalet li gara fil-Milied tas-sena 1996, izda ghalkemm hafritlu u regghet marret id-dar xorta wahda l-istess konvenut kien isawwat lill-attrici anke quddiem bintu u semmiet zewgt incidenti tat-8 ta' Novembru 1998 u 18 ta' Jannar 1999 b'certifikati medici esebiti bhala Dok. "A" u "B". Barra minn dan kemm-il darba qafel lill-attrici u bintha barra mid-dar konjugali; f'dan il-perjodu kollu ta' cirka sitt (6) snin kien jaghti biss lill-attrici xi Lm20 fil-gimgha u gieli xejn.

Illi l-attrici fethet proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li spiccaw b'digriet tas-17 ta' Settembru 1998; ppruvat tasal ghall-separazzjoni bonarja, u peress li lahaq skada t-terminu ghall-prezentata tac-citazzjoni relattiva, l-konvenut waqaf ihallas il-manteniment. Regghet irrikorriet ghall-Qorti w ottjeniet digriet tal-4 ta' Mejju 1999 u fethet din il-kawza fis-17 ta' Mejju 1999. L-konvenut mhux qed imantniha.

Illi hija sostniet li d-dar matrimonjali nbniet waqt iz-zwieg flimkien ma *garage* maghha, izda l-art kienet akkwistata minn zewgha qabel iz-zwieg, ghalkemm issostni li l-art inxtrat *in parte* bl-ammont ta' Lm800 li kienet tat il-konvenut biex jixtri l-istess art, u komplessivament kienet tat lill-konvenut minn flusha, peress li kienet tahdem, l-ammont ta' Lm2,320. L-ghamara kollha nxtrat waqt iz-zwieg u beni parafernali kellha borom, tazzi, platti, xugamani, u l-linef kollha.

Illi **Tereza Attard,** omm l-attrici kkonfermat dan kollu, u sostniet li t-Lm800 kienu nghataw mill-attrici lill-konvernut quddiemhom sabiex tigi akkwistata l-istess art. Semmiet diversi ammonti ta' flus li kienet taghti lill-attrici ghall-hajja peress li zewgha ma kienx imantniha; selfu lill-konvenut Lm900 biex jiehu t-twellija ta' bar, izda dan hallashom biss Lm500 lura. Kkonfermaw l-incidenti ta' vjolenza li kienet issofri l-attrici minghand il-konvenut u kienu intervjenew f'xi okkazzjonijiet familjari tal-attrici flimkien mal-Pulizija.

Illi dan kollu huwa wkoll korroborat mix-xhieda ta' **Carmelo Attard** missier l-attrici fl-affidavit tieghu tas-27 ta' Jannar 2000 li huwa identiku ghal dak li ghamlet martu, u certament li dan ma huwiex ezempju kif ghandhom isiru affidavits.

Illi xehed ukoll **Charles Debono** li huwa r-ragel ta' oht l-attrici li kkofrobora t-tezi tal-attrici li l-konvenut jixrob u jilghab, u li l-istess konvenut ta' spiss jispicca fis-sakra. Huwa u martu silfu diversi ammonti lill-attrici sabiex tmantni lilha nnifisha; semma' li ghall-inqas f'dawn l-ahhar sentejn il-konvenut kien tefgha litteralment lill-attrici barra

mid-dar f'xi tmien okkazzjonijiet, tant li l-attrici kienet tispicca torqod ghandhom flimkien ma bintha. Ra grif f'wiccha u diversi tbengil f'diversi partijiet ta' gisimha; l-konvenut mhux qed imantni lill-attrici *nonostante* li hemm digriet tal-Qorti ghall-istess manteniment, ghaliex mhux qed jaqla' flus anke ghaliex baqa' jixrob.

Illi xehdet ukoll **Joan Mary Debono, mart l-istess Charles Debono,** li sostniet li kienet tara lill-konvenut imlahlah bix-xorb; sostniet li kemm-il darba ghennet lill-attrici bi flus, l-ewwel b'self li imbghad kienu jinhaffru u diversi drabi ohra billi taghddilha ammonti ta' flus u anke kienet taghmlilha xi xirjiet; l-attrici kienet tilmenta maghha li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus, izda xorta wahda kien ikollu flus biex jixrob u x-xhud qalet li kienet tarah jixrob.

Illi maz-zmien gieli zammet lill-bint il-kontendenti ghandhom fis-sajf, u wkoll kienet tinnota tbengil fuq ohta, filwaqt li l-konvenut anke id-dar kien ikun il-hin kollu bil-flixkun tal-*whiskey* hdejh; ohta stqarret maghha li zewgha kien issawwatha, ghalkemm damet biex ammettiet dan mal-istess xhud. Taf li kemm-il darba l-konvenut qafel lill-attrici u lill-bintha l-barra mid-dar konjugali u dawn kienu jmoru ghand ix-xhud; ikkonfermat li l-konvenut kien ihobb joqghod id-dar gharwien anke fil-presenza ta' bintu. Illum bint l-kontendenti tahdem go fabbrika.

Illi xehed ukoll **Dr. Godfrey Farrugia** li huwa t-tabib tal-familja u kkonferma li l-attrici marret ghandu diversi drabi bi griehi fuqha u huwa kien johrog ic-certifikat mediku relattiv; ikkonferma certifikati esebiti dwar tbengil, liema certifikati nhargu minnu; dawn kienu jikkoncernaw tbengil fuq idha x-xellugija, sidirha fuq in-naha tal-lemin. L-attrici kienet tallega mieghu li kienet imsawta minn zewgha.

Illi **bint il-kontendenti** xehdet b'affidavit pprezentat fis-seduta tal-25 ta' Frar 2000 u sostniet li l-familja waslet fejn waslet minhabba x-xorb ta' missierha, u li sostniet li missierha sad-data tal-affidavit kien jidhol id-dar fis-sakra; semmiet okkazzjonijiet fejn rat lill-missierha jsawwat lill-ommha, pero` l-ahhar darba kien fis-Sajf tal-1998 (skond ix-xhieda taghha tal-25 ta' Frar 2000 quddiem l-Assistenta

Gudizzjarja); semmiet okkazzjoni li kienet sabet lill-ommha barra t-triq bin-*night dress* ghaliex kellha tohrog il-barra minhabba li kien ipprova jifgaha, tant li f'ghonqa kellha tbengil u grif; ma kienx immantnihom ghal zmien twil u wkoll ommha kienet tissellef il-flus minghand zijitha u n-nanniet taghha. Missierha kien qalilha li kien ser iccahhad lill-ommha mill-flus li kienet taghtu qabel iz-zwieg sabiex inbena l-*garage* ghaliex ma kellhiex x'turi.

Illi l-konvenut *nonostante* li kellu diversi opportunatijiet sabiex iressaq il-provi tieghu u dan kif jidher mill-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti u wkoll mill-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea, baqa' ma ressaq ebda provi, u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex alternattiva ohra, anke minhabba l-inadempjenza tal-konvenut, hlief li tiddikjara l-provi tal-konvenut maghluqa u ghalhekk tghaddi sabiex taghti s-sentenza taghha.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut mill-inqas fl-ahhar ghaxar (10) snin taz-zwieg immaltratta lill-martu u lill-bintu bl-iktar mod gravi, tant li issogetta ghall theddid, swat, mohqrija u ngurji gravi, u minhabba l-problemi ta' xorb u loghob tal-azzard li ghandu litteralment kisser familja. Dan jinsab ikkorroborat mix-xhieda kollha mressqa quddiem din il-Qorti, li ma huma bl-ebda mod kontestati, u jidher car li l-istess attrici kienet u ghadha sallum qed tghix f'posizzjoni ta' perikolu kontinwu *stante* li ma jidhirx li l-konvenut fittex xi ghajnuna ghall vizzji serji li ghandu; f'dan il-kuntest hija inkredibbli l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa ma kienx jahti ghall-firda, u dan minbarra li l-istess eccezzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata, anzi addirittura hija kontradetta mix-xhieda kollha proposta f'din il-kawza. Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi bla dubju milqugha minhabba li l-konvenut huwa certament hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, swat, ingurji gravi u theddid. Min-naha l-ohra l-adulterju allegat mill-attrici ma gie bl-ebda mod ippruvat.

Illi dwar it-tieni talba ghall-manteniment jidher car li l-istess bint il-kontendenti llum saret maggorenni u ghalhekk ma tistax illum tinghata ordni fil-konfront taghha; dwar il-manteniment tal-attrici hija ghandha kif dejjem kellha d-dritt ghal tali manteniment pero` fic-cirkostanzi tqis li hija ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 54 (3) (4) u (5),** u dan peress li l-istess konvenut ilu ma jmanti lill-attrici ghal snin twal, naqas li jmantni lill-attrici tul il-kors ta' din il-kawza kollha, *nonostante* li hemm digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili *pendente lite,* u l-probabbilta` kbira hija li fis-snin li gejjien l-istess konvenut mhux ser imantni lill-attrici, *nonostante* li kapaci jahdem, izda jinsab mifni bil-vizzjijiet li ghandu, li ma jidhirx li b'xi mod l-istess konvenut ipprova jehles minnhom.

Illi dwar it-tielet talba, din hija llum superfluwa *stante* li bint l-attrici ma ghadhiex iktar minorenni.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti jidher li l-istess tikkonsisti biss fl-ghamara li hemm fl-istess dar, u l-benefikati li saru fid-dar matrimonjali li nxtrat mill-konvenut qabel iz-zwieg, tant li l-istess dar inbniet waqt iz-zwieg; il-*garage* fuq l-istess art inbena qabel iz-zwieg, u l-attrici kkontribwiet is-somma ta' Lm800 biex il-konvenut akkwista l-istess art u fil-fatt b'kollox l-attrici ssostni li kienet taghtu l-ammont ta' Lm2,320 sabiex isiru benefikati fuq l-istess art mix-xoghol taghha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-*garage* huwa proprjeta` tal-konvenut, u ghandu jibqa' hekk bhala tali ghalkemm l-attrici ghandha kreditu favur taghha ta' Lm800; illi d-dar konjugali hija proprjeta` tal-konvenut, izda l-benefikati kollha li saru fuq l-istess huma kreditu favur il-komunjoni tal-akkwisti, b'dan li l-istess attrici ghandha bi dritt nofs il-valur tal-istess benefikati li kollha saru waqt iz-zwieg, minbarra li ghandha tiehu komplessivament is-somma ta' Lm2,320 u dan anke b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** li qed jigu applikati *in toto* kontra l-konvenut; ma dan irid jizdied nofs il-valur tal-benefikati li saru fuq l-art biex inbena l-*garage*. Ma dan jirizulta li l-konvenut huwa wkoll debitur tal-attrici ghall-

alimenti kollha li huwa naqas li jhallas lill-attrici tul dan iz-zmien kollu tal-pendenza tal-kawza, u dan apparti l-obbligu tieghu li jmantni lill-attrici, li ma jidhirx li huwa ghandu l-attegjament li jsegwi, anke kawza tal-vizzji tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, u b'applikazzjoni tal-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** u l-applikazzjoni **tal-artikolu 48 tal-Kap 16,** tordna li l-konvenut izomm il-*garage* imsemmi bhala proprjeta` parafernali tieghu, mentri d-dar konjugali tigi assenjati lill-attrici, u dan kwantu kemm bhala kumpens ghal sehma mill-komunjoni tal-akkwisti konsistenti fin-nofs il-valur ta' benefikati li saru fl-istess fond u wkoll bhala s-sehem taghha ta' nofs mill-benefikati li saru sabiex inbena l-*garage*, u wkoll in kompensazzjoni tal-kreditu li ghandha *verso* l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' Lm2,320 li sar mill-introjtu taghha, li l-konvenut ghandu jirrifondi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (c) u (2) tal-Kap 16,** u wkoll in sodisfazzjon tal-kreditu li l-attrici ghandha kontra l-konvenut ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment *pendente lite,* u fl-ahharnett tali fond ghandu jigi assenjat lill-attrici mill-konvenut skond id-disposizzjonjijiet tal-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** ghall-obbligu tieghu ta' manteniment *verso* l-attrici, b'dan li b'tali assenjazzjoni tal-fond *de quo,* jigi sodisfatt *per saldo* l-obbligu ta' manteniment tal-konvenut *verso* l-attrici, u kull ammont iehor dovut lill-attrici mill-konvenut kif premess. Illi l-ghamara tal-istess fond ghandha tigi maqsuma bin-nofs bejn iz-zewg partijiet skond stima ta' l-istess li ghandha tigi redatta mill-espert Peter Bonello.

Illi ovvjament b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-istess komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta.

Illi l-hames talba ghandha wkoll tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 55A tal-Kap 16.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li **tichad it-tielet (3) talba attrici** *stante* li bint il-kontendenti hija llum maggorenni, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha biss u fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja u tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan minhabba li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, swat, theddid u ngurji gravi, b'dan li l-istess konvenut irrenda l-hajja konjugali tal-partijiet impossibbli.

2. Illi dwar din it-tieni talba, u konformament ma' dak li ser jinghad u jigi deciz dwar it-tielet talba attrici, tiddikjara li l-attrici ghandha dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut, kif ukoll ghandha dritt li tithallas tal-arrettrati ta' manteniment dovuti lilha *pendente lite* li l-istess konvenut tul il-kawza kollha naqas li jhallas, u ghalhekk *in parte* b'applikazzjoni tal-**artikolu 54 (6)** (u *in parte* ghal dak li ser jinghad fit-tielet talba ta' din ic-citazzjoni) tordna li l-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali 71, Dun Callus Street, Zebbug Malta, mill-konvenut, u ghal dan l-iskop tiffissa d-data tas-7 ta' Awissu 2003 fil-11.00 a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Suprejuri l-Belt Valletta, ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv, u tinnomina lin-Nutar Marco Burlo` bhala n-Nutar li ghandu jippubblika l-istess, u tinnomina lill-Avukat Dr. Robert Abela bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att, kollox a spejjez tal-istess konvenut. Illi in vista tal-premess, u bil-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt id-dritt ta' manteniment tal-attrici kontra l-konvenut jigi saldat *in toto* b'applikazzjoni tal-imsemmi **artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16.**

Illi d-dritt tal-minuri ghall-manteniment f'dan l-istadju qed jigi michud *stante* li bint il-kontendenti llum saret maggorenni.

3. Tichad din it-talba sabiex tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi affidata lill-attrici, *stante* li kif inghad bint il-kontendenti llum saret maggorenni.

4. Tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti tiddisponti billi:-

(a) Tordna li l-mobbli konsistenti f'ghamara w *appliances* kollha formanti parti mill-istess komunjoni li hemm fil-fond konjugali li ma gietx indikata f'dawn l-atti, tigi stmata a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet mill-espert Peter Bonello, li ghandu jaccedi fuq il-lok fejn hemm l-istess mobbli, u jipprezenta stima tal-istess mobbli, u divizzjoni tal-istess mobbli bejn iz-zewg partijiet mhux aktar tard mis-26 ta' Settembru 2003, u dan permezz ta' nota fir-Registru u fl-atti ta' din il-kawza, u l-Qorti tordna li tali divizzjoni ssehh skond it-termini tal-istess stima peritali. Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-istess espert tekniku a spejjez attrici.

(b) Illi l-attrici ghandha bhala s-sehem taghha mill-istess komunjoni nofs il-valur ta' benefikati li saru fl-istess fond u l-valur ta' nofs mill-benefikati li saru sabiex inbena l-*garage*, kif ukoll kreditu kontra l-konvenut ta' Lm2,320 li hija kienet avvanzat lill-konvenut mill-introjtu taghha ghall-akkwist tal-art li fuqha nbnew il-benefikati u wkoll ghall-bini tal-istess benefikati, li l-konvenut ghandu jirrifondi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (c) u (2) tal-Kap 16,** liema artikolu qed jigi applikat *in toto* fil-konfront tal-konvenut minhabba li l-agir tieghu kien li ta lok ghas-separazzjoni u firda odjerna, u b'hekk in sodisfazzjoni *per saldo* ghall-istess u wkoll in sodisfazzjon tal-kreditu li l-attrici ghandha kontra l-konvenut ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment *pendente lite,* w anke b'applikazzjoni tal-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** rigwardanti d-dritt ta' manteniment li l-attrici ghandha kontra l-konvenut (kif imsemmi fit-tieni talba hawn deciza b'din is-sentenza), din il-Qorti tordna li tali fond matrimonjali 71, Dun Callus Street, Zebbug Malta, ghandu jigi assenjat mill-konvenut lill-attrici permezz ta' kuntratt pubbliku appositu, u ghal dan l-iskop tiffissa d-data tas-7 ta'

Awissu 2003 fil-11.00a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri l-Belt Valletta, ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv, u ghal dan l-iskop tinnomina lin-Nutar Marco Burlo` bhala n-Nutar li ghandu jippubblika l-istess att, u tinnomina wkoll lill-Avukat Dr. Robert Abela bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att, kollox a spejjez tal-istess konvenut. Illi in vista tal-premess, u bil-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt il-krediti kollha tal-attrici *verso* l-komunjoni tal-akkwisti (hlief dawk rigwardanti l-mobbli) u kif inghad fit-tieni talba attrici hawn deciza, kull dritt ta' manteniment tal-attrici kontra l-konvenut qed jigi saldat *in toto.*

(c) Illi l-konvenut ghandu jibqa' proprjetarju tal-*garage* imsemmi fl-atti processwali *stante* li l-istess huwa teknikament proprjeta` parafernali tieghu, b'dan li s-sehem tal-attrici ghall-benfikati kollha fuq l-istess art gie saldat kif gja inghad iktar il-fuq f'din is-sentenza;

(d) Illi l-attrici ghandha tigi assenjata l-oggetti parafernali taghha bhal borom, tazzi, platti, xugamani u l-linef kollha.

5. Tordna li l-konvenut jizgombra mid-dar konjugali u ghal dan l-iskop tiffissa zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata millum lill-konvenut ghal dan l-iskop, u tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija a spejjez attrici. Illi l-konvenut huwa pprojbit milli ghal xi raguni jaggredixxi lill-martu u wara tali terminu milli jersaq jew jidhol fl-istess fond matrimonjali, b'dan li l-attrici ghandha dritt b'effett mid-data ta' din is-sentenza u skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 55A tal-Kap 16** li tghix fl-istess post esklussivament, u b'hekk il-konvenut ghandu jizgombra kif premess mill-istess fond.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut, ovvjament hlief ghal dawk gja ndikati fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------